Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9436 — ICG/Predica/OCEA Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 264/06)

1. Fil-31 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Intermediate Capital Group plc ("ICG", ir-Renju Unit),

— Prévoyance Dialogue du Crédit Agricole S.A. ("Predica", Franza), li tappartjeni għall-Crédit Agricole Group,

— Groupe OCEA u s-sussidjarja OCEA Smart Building li hija proprjetà kollha kemm hi tiegħu (flimkien il-"OCEA Group") (Franza), ikkontrollati minn InfraVia III Invest S.A.

ICG u Predica jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Grupp OCEA kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ICG: ibbażata fir-Renju Unit, b'ġestjoni tal-assi, attiva fl-istrutturar u l-provvediment ta' finanzjament intermedju, kreditu ingranat u ekwità fl-Ewropa, fl-Asja Paċifiku u l-Istati Uniti,

— Predica: kumpanija Franċiża tal-assikurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa li tappartjeni għall-Crédit Agricole Group li toffri firxa wiesgħa ta servizzi relatati mal-banek, l-aktar fi Franza,

— il-Grupp OCEA: grupp Franċiż li huwa prinċipalment attiv fis-settur għal soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-fluwidi u l-enerġija għal djar soċjali u kondominji. Il-Grupp OCEA jaħdem esklussivament fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9436 — ICG/Predica/OCEA Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.